

**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE)  
Nru 2408/92**

**Modifika min-naħa ta' l-Italja ta' l-obbligi ta' servizz pubbliku fis-servizzi ta' l-ajru skedati bejn Pantellerija-Palermo, Lampedusa-Palermo, Lampedusa-Katanya, Lampedusa-Ruma u Pantellerija-Ruma**

(2008/C 121/10)

Skond l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għal rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji, il-Gvern Taljan iddeċieda li jimmodifika l-obbligi ta' servizz pubbliku rigward is-servizzi ta' l-ajru skedati bejn Pantellerija-Palermo, Lampedusa-Palermo, Lampedusa-Katanya, Lampedusa-Ruma u Pantellerija-Ruma, ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea C 305 ta' l-14 ta' Diċembru 2006 li ġew emendati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea C 141 tas-26 ta' Ġunju 2007.

It-tariffi, skond kif indikat fil-punt 2.4(b) ta' l-obbligu ta' servizz pubbliku, huma modifikati hekk:

Rotta	Tariffa vvalutata mill-ġdid VAT eskluż
Pantellerija-Palermo jew <i>vice versa</i>	EUR 29,64
Lampedusa-Palermo jew <i>vice versa</i>	EUR 31,68
Lampedusa-Catania jew <i>vice versa</i>	EUR 31,68
Lampedusa-oma jew <i>vice versa</i>	EUR 61,33
Pantellerija-Roma jew <i>vice versa</i>	EUR 61,33

Ir-rekwiżiti l-oħra f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-obbligli tas-servizz pubbliku ppubblikati fil-ĠU C 305 ta' l-14 ta' Diċembru 2006 jibqgħu ma jinbidlux.